MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1064/2013

**Il- Pulizija**
**( Spettur Sandro Millo)**

**Vs**

**Konstantin Armizaev**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Konstantin Armizaev, ta 31 sena, iben Alexei u Tatiana mwieled fil-Kuybyshevskaya gewwa USSR nhar it- 8 ta’ Awissu 1982 u bhalissa jirresedi gewwa 56, Madliena View, Flat 1, Triq il-Lampara, Naxxar, numru tal- passport 715872641

Akkuzat talli:

Fl-27 ta’ Ottubru 2013 f’dawn il-gzejjer u fit-Triq il-Kbira, Sliema ghall habta tal 11.30 ta filghodu :

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni ta' WPS215 V. Farrugia PC1188 P. Cassar u PC336 F. Imbroll,

2. U aktar talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew heddet jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni tal-Iitess persuni imsemmija fl-ewwel Akkuza;

3. Bhala persuna ikkundannata u bhala prigunier iehor ipprova jew harab mill-habs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, dik tas-Surgent WPS215 V. Farrugia PC1188 P. Cassar and PC336 F. Imbroll,

4. Ukoll talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Mario Zammit Barry biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra d-dixendenti /axxedenti tieghu

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta Mario Zammit Barry billi jigu applikati l-provedimenti ta l-artikolu 412C tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

Wara li semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li rat li fis-seduta tal-lum stess, l-imputat irtira id-dikjarazzjoni tieghu li mhux hati, u minflok irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet kkonfermata mill-istess imputat wara li l-

Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' l-ammissjoni u wissietu illi l-piena massima hija ta sentejn prigunerija u multa ta' hdax il-elf sitt mija sitta u erbghin ewro u seba' u tmienja centezmu (€11,646,87) u taghtu zmien jikkonsulta ma' l-avukat tieghu u cio nonostante l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

L-imputat irtira wkoll l-allegazzjonijiet li huwa ghamel fil-konfront tal-pulizija.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat.

Ikkunsidrat ukoll li dan l-incident beda bhala wiehed zghir ta' natura civili, u ma kellu qatt jiskala b'dan il-mod. Pero l-Qorti tifhem li jista' jkun li dan gara ghaliex l-imputat, li huwa barrani u ma jifhimx hafna bil-lingwa Ingliza, immisinterpreta l-azzjonijiet tal-pulizija.

Dan nonostante il-Qorti tqis ir-reat ta' resistenza bil-vjolenza lill-ufficjali tal-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom bhala wiehed serju, li jimmerita piena karcerarja. Pero fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tqis li jkun ekwu li l-piena ma tkunx wahda ta' prigunerija effettiva, anke ghaliex ma jirrizultax li xi hadd mill-ufficjali gie b'xi mod ferut.

Fir-rigward ta' l-imputazzjoni tat-theddid lill-parte civile Mario Zammit Barry, il-Qorti wkoll tqis li kif inghad din skalat minn kwistjoni ta' natura civili, u li prigunerija effettiva ma hix piena idonea fic-cirkostanzi tal-kaz, pero l-hati ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza u ghandu jkun hemm ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-parte civile.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 96, 95, 151 u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' snin (4), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà u protezzjoni ta' Mario Zammit Barry (aktar l-isfel imsejjah "il-persuna offiża") qed toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-hati, li permezz taghha qed:
(*a*) tipprojbixxi lill-hati milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna offiża;
(*b*) tipprojbixxi lill-hati aċċess għal perjodu ta' sitt xhur ġewwa fond fejn il-persuna offiża tkun qegħda tgħix, taħdem jew tiffrekwenta wkoll jekk l-hati ghandu xi interess legali f'dak il-fond;
(*ċ*) tipprojbixxi lill-hati milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna offiża.

Din l-Ordni ta' Protezzjoni ghandha tibqa' fis-sehh ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------